minn paġna 3

tal-Kunsill Lokali biex ir-riżorsi ta' kulħadd ikunu utilizzati għall-ġid tal-lokal. Fuq kollox il-Kunsill Lokali jeħtieġ li jkompli bi tmexxija soda li tiddeċiedi u twettaq dak li hu ta' ġid u priorità għar-residenti.



### Komunità dinamika permezz tal-kreattività

Kunsill Lokali mmexxi minn maġġoranza tal-Partit Nazzjonalista jerġa' jara li jkunu offruti korsijiet edukattivi u sportivi li permezz tagħhom titkattar il-kreattività tat-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti. Din il-ħidma m'għandhiex issir mill-Kunsill Lokali b'mod li toħnoq inizjattivi minn għaqdiet u *clubs* fil-lokal. Għalhekk fejn u sakemm hu possibbli l-Kunsill Lokali jaħdem id f'id ma' dawn l-għaqdiet, *clubs* sportivi u l-parroċċi biex l-inizjattivi b'riżq ir-residenti jkunu kemm jista' jkun wiesgħa fuq suġġetti differenti u jilħqu l-akbar firxa possibbli ta' residenti. Hawnhekk

## Il-kandidati tiegħek f'San Ġiljan



**Ronald Agius**

Għandu 72 sena. Miżżewweġ b'żewġt itfal. *Self-employed* u *Semi-retired*.



**Peter Bonello**

Għandu 61 sena. Miżżewweġ u għandu tlett itfal. Pensjonant. Jaħdem bħala Espert tal-Qorti. Ilu Sindku tal-PN San Ġiljan għal dawn l-aħħar ħdax-il sena. President tal-Kumitat Sezzjonali PN San Ġiljan, Membru fl-Eżekuttiv tal-PN, u kien *player* fit-tim Nazzjonali tal-Waterpolo. Huwa Viċi-President tal-Kulleġġ Kunsilliera PN.



**Raymond Cachia**

Għandu 45 sena. *Self-employed* u għandu żewġt itfal.



**Karl Gouder**

Għandu 28 sena. Għandu livell ta' edukazzjoni terzjarja sal-livell ta' Baċellerat bl-Unuri. Jaħdem bħala Kap Eżekuttiv tal-*Young Enterprise*. Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali San Ġiljan. Kien President tal-KSU, u Direttur tal-NSTS. Membru tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u Kandidat għall-Elezzjoni Ġenerali.



**Edgar Montanaro**

Għandu 58 sena. Miżżewweġ b'wild wieħed. *Self-employed*. Għandu livell ta' edukazzjoni terzjarja fejn temm l-istudju tiegħu bħala Prokuratur Legali. Għal dawn l-aħħar sitt snin serva ta' Kunsillier tal-PN San Ġiljan. Segretarju tal-Kumitat Sezzjonali tal-PN San Ġiljan u President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali.



**Richard Scicluna**

Għandu 66 sena. Miżżewweġ u għandu tlett ibniet u nannu ta' tlieta. Huwa *Ex Director Insurance Consultant*. Huwa l-*PRO* tal-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan, kif ukoll il-PRO ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-annimali abbandunati. Huwa membru taċ-Ċentru Kulturali Russu.

il-Kunsill Lokali għandu jaqdi l-funzjoni ta' xprun fost il-komunità biex din tipparteċipa aktar f'dawn l-attivitajiet ta' kreattività. Dan isir permezz ta' reklamar ta' l-attivitajiet fil-komunità permezz tal-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill Lokali.

### L-informatika għas-servizz tar-resident ta' San Ġiljan

Il-Gvern qed ikun minn ta' quddiem li jagħti l-aqwa servizzi lill-poplu permezz ta' l-informatika ta' l-ogħla livelli. Kunsill Lokali mmexxi minn maġġoranza tal-Partit Nazzjonalista jkompli jaħdem biex permezz tas-sistemi li qed iwaqqaf il-Gvern jagħti l-aħjar servizzi lir-residenti tal-lokal. Aktar minnhekk il-Kunsill Lokali joħloq sistemi li jipprovdu aktar effiċjenza u servizzi dejjem aktar viċin in-nies. Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-informatika qed issir għodda importanti f'ħajjitna, hu għalhekk li Kunsilliera Nazzjonalista filwaqt li jkomplu joffru inċentivi bħalma hu t-trasport b'xejn għall-korsijiet organizzati mill-ST Microelectronics, jemmnu li għandhom isiru korsijiet u tagħlim fl-informatika biex il-ġenerazzjonijiet kollha fil-lokali jiffamiljarizzaw ruħhom u jitgħallmu jisfruttaw id-dinja ta' l-informatika.

### Bilanċ bejn l-iżvilupp u l-wirt storiku

Malta u Għawdex huma mimlija monumenti storiċi u imkejjen li huma ġawhar imprezzabbli. Jeħtieġ li fl-iżvilupp li jitwettaq fil-lokal, fl-ippjanar tal-ħidma u x-xogħol imwettaq kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-Gvern tingħata kunsiderazzjoni serja lejn il-wirt storiku ta' pajjiżna, b'mod partikulari dak f'San Ġiljan, bħalma hu l-uniku Teatru Griek miftuħ ta' żmien il-Kavallieri li għandna f'Malta u li jinsab proprju f'San Ġiljan, fost wirt ieħor.



**ELEZZJONI KUNSILL LOKALI 2008**
**Is-Sibt, 8 ta' Marzu**



# SAN ĠILJAN

PARTIT NAZZJONALISTA

www.pn.org.mt

# Ħidma San Ġiljan

Tul ix-xhur li għaddew il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan ra li titwettaq ħidma madwar il-lokalità kollha biex din tinżamm fl-aħjar stat possibbli kif jixraq lir-residenti Ġiljaniżi u lir-residenti ta' Paceville, The Village u The Gardens.

### Organizzazzjoni tat-traffiku

Fil-fatt il-Kunsill Lokali wettaq ħidma estensiva ta' tiswija ta' toroq, ħidma fuq tiswija u bini mill-ġdid ta' bankini f'diversi inħawi tal-lokalità, bdil ta' kaptelli, stallazzjoni ta' *crash barriers*, *railings* u *bollards*. Il-Kunsill Lokali ra li t-toroq ikunu aktar organizzati b'sinjali adegwati, *zebra crossings* u *parking bays*. Fir-rigward tal-parkeġġ saret is-sistema ta' parkeġġ residenzjali, filwaqt li qed issir ħidma fuq id-devoluzzjoni ta' numru ta' artijiet tal-Gvern biex dawn ikunu mibdula f'żoni ta' parkeġġ.

### Toroq

Fil-fatt saru xogħlijiet ta' manutenzjoni ġenerali f'Ta' Giorni, kienet irranġata u ingħatat wiċċ ġdid Triq Sant'Elija u t-triq bejn Wied Għomor u Triq Forrest. Kienu rranġati bankini jew saħansitra saru mill-ġdid f'mill-anqas sitt toroq. Barra minnhekk bis-saħħa ta' fondi addizzjonali miksuba apposta mill-Gvern, il-Kunsill Lokali ħadem fuq 9 toroq fejn dawn ingħataw wiċċ ġdid jew inkella inbidel il-wiċċ ta' partijiet sostanzjali minnhom.

### Ambjent li jixraq lil San Ġiljan

Il-Kunsill Lokali jara li San Ġiljan, il-*hamlet* ta' Paceville u l-inħawi kollha tal-lokalità jinżammu nodfa, b'tindif kontinwu, ġbir ta' skart kif ukoll qtugħ ta' ħaxix ħażin. Peress li ż-żona hi frekwentata kemm minn ħafna Maltin, matul tmiem il-ġimgħa, kif ukoll minn bosta turisti, il-kunsill jara li l-indafa dejjem tingħata prijorità assoluta biex anke l-proġett ta' Paceville u tax-Xatt ta' San Ġiljan fost l-oħrajn jinżammu fl-aħjar stat possibbli u jitgawdew kemm mill-viżitaturi u fuq kollox mir-residenti. Fir-rigward ta' l-ambjent il-Kunsill Lokali qed jaħdem fuq proġetti oħra dak ta' stallazzjoni ta' 9 *bring-in sites* ġodda mat-tlieta eżistenti u l-proġett pilota ta' ġbir ta' żejt tal-ikel mir-residenzi għal skop ta' riċiklaġġ f'*biodiesel*. Inizjattiva ambjentali oħra kienet dik li tneħħa ċ-*chewing gum* kollu li kien hemm tul il-*promenade* ta' San Ġiljan biex dan jingħata d-dehra li jixraqlu kemm għar-residenti kif ukoll dawk kollha li jifrekwentaw iż-żona li tant hi popolari.

### Proġetti ta' tisbiħ



Iż-żona ta' bejn San Ġiljan u Paceville komplitet tissebbaħ bil-ġnien li kien żviluppat biswit Palazzo Spinola. Dan il-ġnien minn żona mitluqa, karatterizzata minn telqa, tkissir, vandaliżmu u abbużi kien trasformat f'post nadif li jilqgħek b'arkitettura fuq still barokk modern u li tixraq lil dawk l-inħawi ta' San Ġiljan. Proġett ieħor li se jkompli jsebbaħ lil din il-lokalità hu dak tal-passaġġ ekoloġiku li qed isir f'Ta' Giorni fejn bl-għajnuna tal-Gvern fuq perijodu ta' erba' snin se jkunu qed jintefqu 'l fuq minn € 512,462 (Lm220,000.)

### Għaqdiet u attivitajiet

Ħidma oħra mwettqa mill-Kunsill lokali ta' San Ġiljan hi fuq l-aspett edukattiv fejn isir investiment kontinwu fil-librerija lokali kif ukoll fuq l-aspett soċjali permezz ta' bosta attivitajiet għar-residenti u l-anzjani kollha fil-lokalità kif ukoll flimkien ma' għaqdiet lokali bħalma huma n-Neptunes, is-San Ġiljan Waterpolo Club, il-Meltia FC, is-Soċjetà Mużikali tal-Karmnu, il-Banda Spinola u l-Banda San Ġiljan fost l-oħrajn. Fejn fost l-oħrajn saru kunċerti attivitajiet u korsijiet tal-għawm.

### Day Centre u IT

Għall-anzjani bi ftehim mal-*Millenium Chapel* qed jingħata servizz ta' *day centre* filwaqt li għal kumdità taż-żoni kollha f'San Ġiljan qed ikun organizzat trasport ċirkulari madwar il-lokalità kollha. Fl-istess *Millenium Chapel* bi ftehim mal-Gvern qed ikun provdut wkoll servizz ta' l-internet għar-residenti u dawk kollha li jifrekwentaw il-kappella u l-faċilitajiet magħha. Mill-bini tal-Kunsill Lokali qed ikun provdut ukoll is-servizz ta' l-internet kif ukoll komunikazzjoni WIFI. Il-kunsill Lokali biex ikompli jara li l-kultura tas-servizzi elettroniċi tkompli tinfirex fil-lokal qed jipprovdi servizz ta' trasport b'xejn lil dawk ir-residenti Ġiljaniżi li qed jattendu għal kors b'xejn organizzat mill-ST Microelectronics .

### Persuni b'diżabbiltà

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jsiru numru ta' *parking bays* riservati għall-persuni b'diżabbiltà u saret ħidma biex il-bajjiet fil-lokal ikunu aktar aċċessibbli. Madankollu kull fejn saru proġetti u bankini ġodda hemm aċċess għall-persuni b'diżabbiltà.

### Faċilitajiet

Min-naħa tagħha l-Awtorità dwar it-Trasport imbarkat fuq proġett ta' *Bicycle Racks*. Dawn kienu installati fi Triq Ġorġ Borg Olivier in-naħa tal-monument LOVE biex ikunu jistgħu jintużaw minn dawk kollha li jużaw ir-roti. F'San Ġiljan kienu stallati aktar *Bus Shelters*. Dawn saru wieħed quddiem il-Każin tal-Banda fi Triq San Ġorġ u wieħed fi Pjazza Spinola faċċata tal-monument LOVE.

### Ġemellaġġi

Il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan għaddej b'bosta ħidmiet biex jagħmel ftehim ta' ġemellaġġ ma' tlett ibliet Ewropej. Il-ħidma għaddejja ġmielha u tul ix-xhur li ġejjin mistennija jibdew ikunu konklużi dawn il-ftehim.



# Programm Elettorali tal-Partit Nazzjonalista għal San Ġiljan 2008-2011



### Viżjoni li twassal għas-suċċess

San Ġiljan hu lokal li fih jiġbor bosta elementi karatteristiċi ta' pajjiżna. Jeħtieġ li Kunsill Lokali ġdid immexxi mill-Partit Nazzjonalista jkompli jiffoka fuq il-ħtiġiet tal-lokal u fuq kollox tar-residenti billi jfassal viżjoni fit-tul. Kunsilliera Nazzjonalisti jkomplu jaħdmu biex jitfassal pjan fit-tul li permezz tiegħu jkunu elenkati l-prioritajiet ta' ħidma għal-lokalità fil-ġejjieni. Hu fuq din il-viżjoni li tifrex fuq tul ta' snin li l-lokalità timxi 'l quddiem b'suċċess lejn il-miri li npoġġu quddiemna.

### Toroq u infrastruttura ta' l-ogħla kwalità f'San Ġiljan

Minkejja li twettqet ħidma biex l-infrastruttura tal-lokal timxi 'l quddiem bit-tarmak f'diversi toroq madwar il-lokal, disgħa b'kollox, m'hemmx dubju li għad fadal ħafna xi jsir. L-investiment qawwi li qed iwettaq il-Gvern fuq toroq arterjali, distributorji u residenzjali u l-proġett ta' Paceville għenu u qed jgħinu m'hux ftit biex il-lokalità tagħna timxi 'l quddiem. Dan għandu jkun sostnut minn ħidma fuq medda taż-żmien biex it-toroq fil-lokal ikunu kollha fi stat tajjeb u li jixirqu lir-residenti. F'dawk li huma toroq, Kunsilliera Nazzjonalisti jkomplu jaħdmu biex is-servizzi kollha relatati jkunu ta' l-ogħla livelli possibbli, kemm jekk huma bankini, għamara tat-triq, dawl, servizzi minn mgħoddija minn taħt l-art kif ukoll tisbiħ li jikkumplimenta l-istess infrastruttura u jsaħħaħ il-karattru tal-lokal.

### L-Opportunitajiet jinħatfu permezz ta' l-Edukazzjoni

Kunsill ġdid immexxi minn maġġoranza ta' Kunsilliera Nazzjonalisti jaħdem biex l-edukazzjoni tkun waħda mill-prioritajiet ewlenin fil-ħidma tal-kunsill. Minbarra l-korsijiet varji li joktru b'riżq ir-residenti, issir ħidma ma' l-iskola biex fejn ikun possibbli l-Kunsill Lokali jagħti l-għajnuna meħtieġa. Ikompli l-investiment kbir li qed isir kull sena fil-librerija lokali u fuq kollox isiru kampanji edukattivi fuq setturi u suġġetti varji li jgħinu fit-tisħiħ tal-karattru u l-formazzjoni tal-ġenerazzjonijiet ta' għada.

### Ambjent nadif għal kwalità ta' ħajja aħjar f'San Ġiljan

Dak kollu li jdawwarna u San Ġiljan fejn ngħixu huma l-ambjent l-aktar qrib tagħna. Kunsill immexxi mill-Partit Nazzjonalista jistinka biex l-ambjent ikun fuq quddiem nett fl-aġenda tal-ħidma tiegħu. Għandha tkompli tingħata attenzjoni lil dak kollu li jsebbaħ il-lokal u fuq kollox tingħata attenzjoni kbira lill-indafa, iż-żamma ta' ġonna madwar il-lokalità u l-ħolqien ta' spazji rikreattivi għat-tgawdija tat-tfal u l-familji tagħna. Aktar minnhekk tingħata attenzjoni speċjali lill-widien u fuq kolox ix-xtajtiet li għandna fil-lokalità tagħna biex dawn jinżammu fl-aħjar stat possibbli kemm bit-tindif kif ukoll bl-infurzar meħtieġ. Fil-qasam ambjentali l-Kunsill Lokali għandu jagħmel ħiltu kollha biex tikber il-kultura favur is-separazzjoni ta' l-iskart u jkompli jgħaddej il-proġett tal-ġbir taż-żejt ta' l-ikel maħruq. Hu f'dan is-sens li l-edukazzjoni fuq dan is-suġġett ma tista' taqta' qatt u għandha tkun intensifikata biex kulħadd jiġbed ħabel wieħed. Il-Kunsill Lokali jkompli wkoll bil-ħidma tiegħu fil-proġett ta' € 512,462 (Lm220,000) fuq il-kurridur ekoloġiku. Kunsill Lokali mmexxi minn maġġoranza tal-Partit Nazzjonalista ikompli jistinka biex jinżammu fl-aħjar stat il-*promenade*, Paceville, Ġnien Spinola u l-Bajja ta' San Ġorġ b'tindif u manutenzjoni kontinwa kif qed isir sal-lum.

### Kura tas-saħħa u appoġġ lill-Ġiljaniżi

Kunsilliera eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista jaraw li l-Kunsill Lokali jkompli jaħdem bla heda biex sa fejn hu possibbli joffri servizzi ta' appoġġ lil dawk il-faxex tas-soċjetà l-aktar li huma vulnerabbli. Il-Kunsill Lokali jara li jkomplu jkunu offruti s-servizzi ta' *day care* lill-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà tal-lokal fil-*Millenium Chapel* kif ukoll servizzi bażiċi ta' saħħa bħalma hu t-tilqim. Barra minhekk il-Kunsill Lokali jkompli joffri s-servizz popolari tas-servizz ta' trasport madwar il-lokalità. Il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan għandu jaħdem anke ma' dawk il-persuni b'vizzji li jnawru l-ħajja tagħhom u tal-familji tagħhom. Din il-ħidma tista' titwettaq flimkien ma' aġenziji governattivi bħas-Sedqa u l-Appoġġ.

### Il-Familja s-sies tas-soċjetà

Is-sies ewlieni tas-soċjetà Maltija jibqa' dejjem il-familja. Għalhekk anke fuq livell lokali għandha titwettaq politika li ssaħħaħ il-familja. Għal dan il-għan, Kunsill Lokali mmexxi minn Kunsilliera Nazzjonalisti jaħdem biex jitwettqu miżuri li jgħinu lill-familja fl-iżvilupp tagħha. Tkun kunsidrata ħidma kemm mal-Gvern fuq livell nazzjonali kif ukoll mal-privat biex ikunu provduti faċilitajiet ta' *childcare* li jkunu jistgħu jgħinu lin-nisa biex jipparteċipaw aktar fis-suq tax-xogħol. L-għajnuna lill-għaqdiet sportivi fil-lokal hi kruċjali wkoll fuq dan il-livell u għalhekk tissokta l-ħidma mal-*clubs* tan-Neptunes u s-San Ġiljan Aquatic Club. Permezz ta' attivitajiet u taħriġ sportiv it-tfal filwaqt li jżommu rwieħhom attivi fiżikament ikun provdut ħin biex il-ġenituri jipparteċipaw aktar fid-dinja tax-xogħol.

### Serħan il-moħħ għall-Ġiljaniżi

Kunsill Lokali ġdid immexxi minn maġġornza tal-Partit Nazzjonalista jara li fil-lokalità jkun hemm is-sigurtà meħtieġa b'ħidma id f'id mal-Pulizija permezz tad-dixxiplina meħtieġa. Kunsilliera Nazzjonalisti jagħtu prijorità assoluta lis-serħan tal-moħħ tal-familji u r-residenti tal-lokal f'San Ġiljan, Paceville, Ta' Giorni u The Gardens. Għalhekk issir ħidma biex il-preżenza tal-pulizija fl-għassa u fit-toroq tkun waħda kontinwa. Fejn meħtieġ, ikunu stallati *CCTV Cameras* li permezz tagħhom ikunu sorveljati żoni li fihom ġeneralment jitwettaq l-abbuż. Isiru diskussjonijiet ma' residenti f'żoni differenti madwar il-lokalità biex tkun studjata l-possibbiltà li ssir sistema ta' *Neighbourhood Watch*.

### Tmexxija Soda f'San Ġiljan

Kunsill ġdid immexxi minn maġġoranza ta' Kunsilliera Nazzjonalista jagħti direzzjoni ċara fit-tmexxija tal-lokal u jkompli jaħdem f'għaqda għal għan wieħed, dak li l-lokal jimxi 'l quddiem u r-residenti jgawdu kwalità ta' ħajja aħjar. Kunsill immexxi minn maġġoranza tal-Partit Nazzjonalista mill-ġdid jara li d-djalogu jiddomina fil-ħidma

*ikompli fuq paġna 4*